

32006R0319

L 58/32

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

28.2.2006

REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 319/2006**ta' l-20 ta' Frar 2006**

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1782/2003 li jistabbilixxi regoli komuni għal skemi diretti ta' appoġġ fi ħdan il-politika agrikola komuni u li jistabbilixxi ċerti skemi ta' appoġġ għall-bdiewa

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari t-tielet subparagrafu ta' l-Artikolu 37(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-Opinjoni tal-Parlament Ewropew¹,

Wara li kkunsidra l-Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew²,

¹ Opinjoni mogħtija fid-19 ta' Jannar 2006 (għadha mhix ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

² Opinjoni mogħtija fis-26 ta' Ottubru 2005 (għadha mhix ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 318/2006 ta' l-20 ta' Frar 2006 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq fis-settur taz-zokkor¹ jipprevedi riforma importanti ta' l-organizzazzjoni komuni tas-suq taz-zokkor. Il-miżuri introdotti minn dak ir-Regolament jinkludu tnaqqis sinifikanti fil-prezz ta' appoġġ istituzzjonali għaz-zokkor Komunitarju f'fażijiet.
- (2) Bħala konsegwenza ta' l-appoġġ imnaqqas għas-suq fis-settur taz-zokkor, għandu jiżjed l-appoġġ għad-dħul tal-bdiewa. Il-livell ġenerali tal-pagament għandu jiżviluppa b'mod parallel mat-tnaqqis gradwali ta' l-appoġġ għas-suq.
- (3) Id-diżakkoppjar ta' appoġġ dirett għall-produtturi u l-introduzzjoni ta' l-iskema ta' pagament uniku huma elementi essenzjali fil-proċess ta' riforma tal-politika agrikola komuni mmirat biex wieħed jitbiegħed minn politika tal-prezzijiet u appoġġ għall-produzzjoni lejn politika ta' appoġġ għad-dħul tal-bdiewa. Ir-Regolament (KE) Nru 1782/2003² introduċa dawk l-elementi minn varjetà ta' prodotti agrikoli.
- (4) Sabiex jintlaħqu l-oġġettivi li fuqhom hija bbażata r-riforma tal-politika agrikola komuni, l-appoġġ għall-pitravi zokkrija, il-kannamieli u ċ-ċikwejra użati għall-produzzjoni taz-zokkor jew il-ġulepp ta' l-inulina għandu jiġi diżakkoppjat u integrat fl-iskema ta' pagament uniku.
- (5) Konsegwentement, ir-regoli dwar skemi diretti ta' appoġġ stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 1782/2003 għandhom jiġu adattati

¹ Ara l-paġna 1 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.

² ĠU L 270, 21.10.2003, p. 1. Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2183/2005 (ĠU L 347, 30.12.2005, p. 56).

- (6) Biex jitnaqqsu l-effetti tal-proċess ta' ristrutturar fl-Istati Membri li taw l-ghajjnuna għar-ristrutturar prevista fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 320/2006 ta' l-20 ta' Frar 2006 li jistabbilixxi skema temporanja għar-ristrutturar ta' l-industrija taz-zokkor fil-Komunità⁵ għal minn ta' l-inqas 50% tal-kwota stabbilita fir-Regolament (KE) Nru 318/2006 l-produtturi tal-pitravi zokkrija u tal-kannamieli għandhom jingħataw għajjnuna għal perijodu massimu ta' ħames snin konsekuttivi.
- (7) Il-livell ta' appoġġ individwali għad-dħul għandu jiġi kkalkolat abbażi ta' l-appoġġ li l-bidwi jkun gawda minnu fil-kuntest ta' l-organizzazzjoni komuni tas-suq fis-settur taz-zokkor għal sena ta' kummerċjalizzazzjoni waħda jew aktar li għandu jiġi determinat mill-Istati Membri.
- (8) Biex tiġi żgurata l-applikazzjoni korretta ta' l-iskema ta' appoġġ u għal raġunijiet ta' kontroll baġitarju, għandu jkun hemm provvediment biex l-appoġġ ġenerali għad-dħul jinżamm fil-limitu ta' l-allokazzjonijiet nazzjonali kkalkolati abbażi ta' sena ta' referenza storika u tingħata konsiderazzjoni, matul l-ewwel erba' snin, ta' ammonti addizzjonali li jirriżultaw minn prezzijiet derivati.
- (9) Mill-adezzjoni 'l hawn il-produtturi tal-pitravi zokkrija u ċ-ċikwejra fl-Istati Membri l-ġodda gawdew minn appoġġ għall-prezzijiet fil-qafas tar-Regolament (KE) Nru 1260/2001 tad-19 ta' Ġunju 2001 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq fis-settur taz-zokkor⁶. Għalhekk, il-pagament għaz-zokkor u l-komponenti taz-zokkor u ċ-ċikwejra fl-iskema ta' pagament uniku m'għandhomx ikunu soġġetti għall-applikazzjoni ta' l-iskeda ta' inkrementi prevista fl-Artikolu 143a tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003. Għall-istess raġunijiet, l-Istati Membri li japplikaw l-iskema ta' pagament uniku bl-area għandu, barra minn hekk, jkollhom il-possibbiltà li jagħtu l-appoġġ li jirriżulta mir-riforma taz-zokkor fil-forma ta' pagament dirett separat barra minn dik l-iskema.
- (10) Biex tiġi żgurata l-applikazzjoni korretta ta' l-iskema ta' pagament uniku fl-Istati Membri l-ġodda, għandu jsir provvediment rigward problemi speċifiċi li jinħolqu bħala riżultat tat-transizzjoni mill-iskema ta' pagament uniku bl-area għall-iskema ta' pagament uniku.

⁵ Ara l-paġna 42 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.

⁶ ĠU L 178, 30.6.2001, p. 1. Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 39/2004 (ĠU L 6, 10.1.2004, p. 16).

- (11) L-Istati Membri li għażlu jew ser jagħżlu li japplikaw l-iskema ta' pagament uniku biss mill-1 ta' Jannar 2007 għandhom ikunu jistgħu jagħtu appoġġ għad-dħul lill-produtturi tal-pitravi zokkrija, il-kannamieli u ċ-ċikwejra użati għall-produzzjoni taz-zokkor u l-ġulepp ta' l-inulina fl-2006 fil-forma ta' pagament ibbażat fuq in-numru ta' ettari ta' pitravi zokkrija, kannamieli u ċikwejra prodotti. Rigward il-kalkolu tal-komponent tal-pitravi zokkrija u ċ-ċikwejra fl-iskema ta' pagament uniku, l-Istati Membri għandu jkollhom il-possibbiltà li jiddeterminaw is-snin ta' kummerċjalizzazzjoni li għandhom jitqiesu fuq bażi rappreżentattiva.
- (12) Sabiex jiġu riżolti, skond il-każ, il-problemi li jirriżultaw mill-bidla mir-reġim attwali għall-iskema ta' pagament uniku, huwa xieraq li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta r-regoli transitorji rilevanti billi temenda l-Artikolu 155 tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003.
- (13) Sabiex jiġu assenjati ċerti pagamenti li għadhom kemm ġew introdotti, l-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 1782/2003 għandu jiġi adattat.
- (14) Sabiex jitqies l-ammont ta' appoġġ għad-dħul previst fir-rigward tal-pagament għaz-zokkor, il-limiti massimi nazzjonali previsti fl-Annessi II, VIII u VIIIa għar-Regolament (KE) Nru 1782/2003 għandhom jiġi adattati.
- (15) Ġew identifikati diffikultajiet fl-implimentazzjoni ta' l-għajjnuna għall-prodotti ta' enerġija. L-Artikolu 90 tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003 għandu għalhekk jiġi adattat.
- (16) Ir-Regolament (KE) Nru 1782/2003 għandu jiġi emendat kif meħtieġ,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (KE) Nru 1782/2003 huwa emendat kif ġej:

1) fl-Artikolu 33(1), il-punt (a) għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(a) huma ngħataw pagament fil-perijodu ta' referenza msemmi fl-Artikolu 38 taħt minn ta' l-inqas waħda mill-iskemi ta' appoġġ imsemmija fl-Anness VI jew, fil-każ ta' żejt taż-żebbuġa, fis-snin ta' kummerċjalizzazzjoni msemmija fit-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 37(1), jew, fil-każ tal-pitrava zokkrija, il-kannamiela u ċ-ċikwejra, jekk huma gawded minn appoġġ għas-suq fil-perijodu rappreżentattiv imsemmi fil-punt K ta' l-Anness VII.";

2) is-subparagrafu li ġej għandu jiġi sostitwit ma' l-Artikolu 37(1):

"Għall-pitravi zokkrija, il-kannamieli u ċ-ċikwejra użati għall-produzzjoni taz-zokkor jew il-ġulepp ta' l-inulina, l-ammont ta' referenza għandu jiġi kkalkolat u aġġustat skond il-punt K ta' l-Anness VII.";

3) L-Artikolu 40(2) għandu jinbidel b'dan li ġej:

"2. Jekk il-perijodu ta' referenza kollu kien milqut b'każ ta' *force majeure* jew ċirkustanzi eċċezzjonali, l-Istat Membru għandu jikkalkola l-ammont ta' referenza abbażi tal-perijodu 1997 sa 1999 jew, fil-każ tal-pitrvi zokkrija, il-kannamieli u ċ-ċikwejra abbażi ta' l-egreb sena ta' kummerċjalizzazzjoni qabel il-perijodu rappreżentattiv magħżul skond il-punt K ta' l-Anness VII. F'dan il-każ, il-paragrafu 1 għandu japplika *mutatis mutandis*.";

4) L-Artikolu 41 għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) is-subparagrafu li ġej għandu jiżdied mal-paragrafu 1:

"Fil-każ taċ-ċikwejra u meta titqies ta' l-aktar data reċenti mqiegħda għad-dispożizzjoni tagħha mill-Istati Membri sal-31 ta' Marzu 2006, il-Kummissjoni tista', skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 144(2), terġa' talloka l-ammonti nazzjonali stabbiliti fil-punt K(2) ta' l-Anness VII u tadatta l-limiti massimi nazzjonali stabbiliti fl-Anness VIII skond il-każ, mingħajr ma tbiddel l-ammonti globali jew il-limiti massimi rispettivament.";

(b) il-paragrafu li ġej għandu jiddaħħal wara l-paragrafu 1:

"(1a) Fejn uħud mill-kwantitajiet tal-kwota taz-zokkor jew tal-kwota tal-ġulepp ta' l-inulina ġew prodotti fi Stat Membru abbażi tal-pitravi zokkrija, il-kannamieli jew iċ-ċikwejra koltivati fi Stat Membru ieħor matul kwalunkwe waħda mis-snin ta' kummerċjalizzazzjoni 2000/2001, 2001/2002, 2002/2003, 2003/2004, 2004/2005 jew 2005/2006, il-limiti massimi stabbiliti fil-punt K ta' l-Anness VII u l-limiti massimi nazzjonali stabbiliti fl-Annessi VIII u VIIIa ta' l-Istati Membri kkonċernati għandhom jiġu adattati permezz tat-trasferiment ta' l-ammonti korrispondenti għall-kwantitajiet rilevanti mil-limiti massimi nazzjonali ta' l-Istat Membru fejn iz-zokkor jew il-ġulepp ta' l-inulina rilevanti ġew prodotti għal dawk ta' l-Istat Membru fejn il-kwantitajiet rilevanti ta' pitravi zokkrija, kannamieli jew ċikwejra ġew ikkoltivati.

L-Istati Membri kkonċernati għandhom jinformaw lill-Kummissjoni bil-kwantitajiet ikkonċernati sal-31 ta' Marzu 2006.

It-trasferiment għandu jiġi deċiż mill-Kummissjoni skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 144(2).";

5) fl-Artikolu 43(2), il-punt (a) għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(a) fil-każ ta' l-għajjnuna għal-lamtu tal-patata, l-għalf immixxef, iż-żerriegħa, l-imsaġar tas-siġar taż-żebbuġ u t-tabakk elenkati fl-Anness VII, in-numru ta' ettari li l-produzzjoni tagħhom ingħatat l-għajjnuna fil-perijodu ta' referenza, kif ikkalkolat fil-punti B, D, F, H u I ta' l-Anness VII u fil-każ tal-pitravi zokkrija, il-kannamieli u ċ-ċikwejra, in-numru ta' ettari kif ikkalkolati skond il-punt 4 tal-punt K ta' dak l-Anness;"

6) is-subparagrafu li ġej għandu jiżdied ma' l-Artikolu 63(3):

"Madankollu, fir-rigward ta' l-inklużjoni tal-komponent tal-pagamenti tal-pitravi zokkrija, il-kannamieli u ċ-ċikwejra fl-iskema ta' pagament uniku, l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu, sat-30 ta' April 2006, li japplikaw id-deroga prevista fl-ewwel subparagrafu.";

7) il-paragrafu li ġej għandu jiżdied ma' l-Artikolu 71a:

"3. Kwalunkwe Stat Membru ġdid li jkun applika l-iskema ta' pagament uniku bl-area jista' jipprevedi li minbarra l-kondizzjonijiet ta' eliġibbiltà stabbiliti fl-Artikolu 44(2), "ettaru eliġibbli" għandha tfisser kwalunkwe żona agrikola ta' l-azjenda li nżammet f'kundizzjoni agrikola tajba fit-30 ta' Ġunju 2003, kemm jekk dak iż-żmien tkun fi produzzjoni kif ukoll jekk le.

Kwalunkwe Stat Membru ġdid li jkun applika l-iskema ta' pagament uniku bl-area jista' wkoll jipprevedi li d-daqs minimu taż-żona eliġibbli għal kull azjenda li għaliha għandhom jiġu stabbiliti drittijiet għal pagament u li għaliha għandhom jingħataw pagamenti għandu jkun d-daqs minimu ta' l-azjenda stabbilit skond it-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 143b(5).";

8) L-Artikolu 71c għandu jinbidel b'dan li ġej:

"Artikolu 71c

Limitu massimu

Il-limiti massimi nazzjonali ta' l-Istati Membri l-ġodda għandhom ikunu dawk elenkati fl-Anness VIIIa. Ħlief għall-komponenti ta' l-għalf immnixxef, iż-żokkor u ċ-ċikwejra, il-limiti massimi għandhom jiġu kkalkolati waqt li tittiqies l-iskeda ta' l-inkrementi prevista fl-Artikolu 143a, u għalhekk m'hemmx bżonn jitnaqqsu.

L-Artikolu 41(1a) għandu japplika *mutatis mutandis*.";

9) L-Artikolu 71d(1) għandu jinbidel b'dan li ġej:

"1. Kull Stat Membru ġdid għandu jipproċedi għal tnaqqis perċentwali lineari tal-limiti massimi nazzjonali tiegħu sabiex jikkostitwixxi riżerva nazzjonali. Dan it-tnaqqis ma għandux ikun ikbar minn 3%, mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni ta' l-Artikolu 71b(3). Madankollu, huwa jista' jaqbeż it-3% sakemm tnaqqis ikbar ikun meħtieġ għall-applikazzjoni tal-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu.";

10) fl-Artikolu 71d(6), l-ewwel subparagrafu għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"6. Ħlief f'każ ta' trasferiment b'wirt li fil-fatt seħħ jew antiċipat u l-applikazzjoni tal-paragrafu 3, u b'deroga mill-Artikolu 46, id-drittijiet stabbiliti bl-użu tar-riżerva nazzjonali m'għandhomx jiġu trasferiti għal perijodu ta' ħames snin li jibda mill-allokazzjoni tagħhom.";

11) il-paragrafu li ġej għandu jiżdied ma' l-Artikolu 71d:

"7. L-Istati Membri l-ġodda jistgħu jużaw ir-riżerva nazzjonali biex jistabbilixxu, skond kriterji oġġettivi u b'mod tali li jiżguraw trattament indaqs bejn il-bdiewa u li jevitaw distorzjonijiet tas-suq u tal-kompetizzjoni, ammonti ta' referenza għall-bdiewa f'żoni soġġetti għar-ristrutturazzjoni u/jew programmi ta' żvilupp relatati ma' forma jew oħra ta' intervent pubbliku biex ikun evitat l-abbandun ta' art u/jew biex jikkompensaw żvantaġġi speċifiċi għall-bdiewa f'dawk iż-żoni.";

12) is-subparagrafu li ġej għandu jiżdied ma' l-Artikolu 71e(2):

"Madankollu, l-Istati Membri l-ġodda li jkunu applikaw l-iskema ta' pagament uniku jistgħu jiġu kkunsidrati bħala reġjun uniku wieħed.";

13) l-Artikolu li ġej għandu jiżdied fil-Kapitolu VI tat-Titolu III:

"Artikolu 71m

Bdiewa bl-ebda ettari eliġibbli

B'deroga mill-Artikoli 36 u 44(2), bidwi li ngħata l-pagamenti msemmija fl-Artikolu 47 jew li kien qed jaġixxi f'settur imsemmi fl-Artikolu 47 u jirċievi drittijiet għall-pagament skond l-Artikolu 71d li għalihom m'għandux ettari eliġibbli fis-sens ta' l-Artikolu 44(2) fl-ewwel sena ta' implimentazzjoni ta' l-iskema ta' pagament uniku, għandu jkun awtorizzat mill-Stat Membru jidderoga mill-obbligu li jipprovdi numri ta' ettari eliġibbli ekwivalenti għan-numru ta' drittijiet bil-kondizzjoni li jżomm mill-inqas 50% ta' l-attività agrikola eżerċitata qabel it-transizzjoni għall-iskema ta' pagament uniku espressa f'unitajiet ta' bhejjem *livestock units* (LU).

Fil-każ ta' trasferiment ta' drittijiet għall-pagament, min jirċievi t-trasferiment jista' jibbenefika minn din id-deroga biss jekk id-drittijiet kollha għall-pagament soġġetti għad-deroga jiġu trasferiti.";

14) l-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 90 għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"L-għajnuna għandha tingħata biss fir-rigward ta' żoni li l-produzzjoni tagħhom hija koperta b'kuntratt bejn il-bidwi u l-industrija ta' l-ipproċessar jew b'kuntratt bejn il-bidwi u l-kollektur, ħlief fil-każ ta' l-ipproċessar imwettaq mill-bidwi nnifsu fl-azjenda.";

15) il-Kapitoli li ġejjin għandhom jiddaħħlu fit-Titolu IV:

"KAPITOLU 10e

PAGAMENT GĦAZ-ZOKKOR

Artikolu 110p

Pagament transitorju għaz-zokkor

1. Fil-każ ta' l-applikazzjoni ta' l-Artikolu 71, il-bdiewa jistgħu jikkwalifikaw għal pagament transitorju għaz-zokkor fir-rigward tas-sena 2006. Dan għandu jingħata fil-limiti ta' l-ammonti stabbiliti fil-punt K ta' l-Anness VII.
2. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 71(2), l-ammont tal-pagament transitorju għaz-zokkor għal kull bidwi għandu jiġi ddeterminat mill-Istati Membri abbażi ta' kriterji oġġettivi u mhux diskriminatorji bħal:
 - il-kwantitajiet ta' pitravi zokkrija, kannamieli jew ċikwejra koperti minn kuntratti ta' forniment konklużi skond l-Artikolu 19 tar-Regolament (KE) Nru 1260/2001,

- il-kwantitajiet ta' zokkor jew ta' ġulepp ta' l-inulina prodotti skond ir-Regolament (KE) Nru 1260/2001,
- in-numru medju ta' ettari ta' pitravi zokkrija, kannamieli jew ċikwejra użati għall-produzzjoni taz-zokkor jew tal-ġulepp ta' l-inulina u koperti permezz ta' kuntratti ta' forniment konklużi skond l-Artikolu 19 tar-Regolament (KE) Nru 1260/2001

u fir-rigward ta' perijodu rappreżentattiv li jista' jkun differenti għal kull prodott ta' waħda jew aktar mis-snin ta' kummerċjalizzazzjoni 2004/2005, 2005/2006 u 2006/2007 li għandhom jiġu ddeterminati mill-Istati Membri qabel it-30 ta' April 2006.

Madankollu, fejn il-perijodu rappreżentattiv jinkludi s-sena ta' kummerċjalizzazzjoni 2006/2007, din is-sena ta' kummerċjalizzazzjoni għandha tinbidel bis-sena ta' kummerċjalizzazzjoni 2005/2006 għall-bdiewa li ntlaw minn rinunzja tal-kwota fis-sena ta' kummerċjalizzazzjoni 2006/2007 kif previst fl-Artikolu 3 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 320/2006 ta' l-20 ta' Frar 2006 li jistabbilixxi skema temporanja għar-ristrutturazzjoni ta' l-industrija taz-zokkor fil-Komunità*.

Meta tintgħażel is-sena ta' kummerċjalizzazzjoni 2006/2007, ir-referenzi għall-Artikolu 19 tar-Regolament (KE) Nru 1260/2001 li jinsabu fl-ewwel subparagrafu għandhom jinbidlu b'referenzi għall-Artikolu 6 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 318/2006 ta' l-20 ta' Frar 2006 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq fis-settur taz-zokkor**.

3. L-Artikoli 143a u 143ċ m'għandhomx japplikaw għall-pagament transitorju għaz-zokkor.

KAPITOLU 10f

GĦAJNUNA KOMUNITARJA GĦALL-PRODUTTURI TAL-PITRAVI ZOKKRIJA U L-KANNAMIELI

Artikolu 110q

Kamp ta' applikazzjoni

1. Fl-Istati membri li taw l-għajnuna għar-ristrutturazzjoni prevista fl-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 320/2006 għal mill-anqas 50 % tal-kwota taz-zokkor iffissata fl-Anness III għar-Regolament (KE) Nru 318/2006, l-għajnuna Komunitarja għandha tingħata lill-produtturi tal-pitravi zokkrija u tal-kannamieli.
2. L-għajnuna għandha tingħata għal massimu ta' ħames snin konsekuttivi mis-sena ta' kummerċjalizzazzjoni fejn il-limitu ta' 50 % msemmi fil-paragrafu 1 ikun intlaħaq iżda mhux aktar tard mis-sena ta' kummerċjalizzazzjoni 2013/2014.

Artikolu 110r

Kondizzjonijiet għall-eliġibilità

L-għajnuna għandha tingħata fir-rigward tal-kwantità tal-kwota taz-zokkor miksub mill-pitravi zokkrija jew il-kannamieli taħt kuntratti konklużi skond l-Artikolu 6 tar-Regolament (KE) Nru 318/2006.

*Artikolu 110s**Ammont ta' l-għajnuna*

L-għajnuna għandha tiġi espressa għal kull tunnellata ta' zokkor abjad ta' kwalità *standard*.
L-ammont ta' l-għajnuna għandu jkun daqs nofs l-ammont miksub bid-diviżjoni ta' l-ammont tal-limitu massimu msemmi fil-punt 2 tal-punt K ta' l-Anness VII għall-Istat Membru kkonċernat għas-sena korrispondenti bit-total tal-kwota taz-zokkor u tal-ġulepp ta' l-inulina ffissata fl-Anness III għar-Regolament (KE) Nru 318/2006.

* ĠU L 58, 28.2.2006, p. 42.

** ĠU L 58, 28.2.2006, p. 1.'

16) fl-Artikolu 143b(3), l-aħħar inċiż għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"– aġġustat permezz tal-perċentwali rilevanti speċifikata fl-Artikolu 143a għall-introduzzjoni gradwali ta' pagamenti diretti, minbarra l-ammonti disponibbli skond il-punt 2 tal-punt K ta' l-Anness VII jew skond id-divrenzjali bejn dawn l-ammonti u dawk attwalment applikati kif imsemmi fl-Artikolu 143ba(4).";

17) l-Artikolu li ġej għandu jiddaħħal wara l-Artikolu 143b:

"Artikolu 143ba

Pagament separat għaz-zokkor

1. B'deroga mill-Artikolu 143b, l-Istati Membri l-ġodda li japplikaw l-iskema ta' pagament uniku bl-area jistgħu jiddeċiedu sat-30 ta' April 2006, li fir-rigward tas-snin 2006, 2007 u 2008, jagħtu pagament separat għaz-zokkor lill-bdiewa eliġibbli taħt l-iskema ta' pagament uniku bl-area. Dan għandu jingħata abbażi ta' kriterji oġġettivi u mhux diskriminatorji bħal:

- il-kwantitajiet ta' pitravi zokkrija, kannamieli jew ċikwejra koperti minn kuntratti ta' forniment konklużi skond l-Artikolu 19 tar-Regolament (KE) Nru 1260/2001,
- il-kwantitajiet ta' zokkor jew ta' ġulepp ta' l-inulina prodotti skond ir-Regolament (KE) Nru 1260/2001,

- in-numru medju ta' ettari ta' pitravi zokkrija, kannamieli jew ċikwejra użati għall-produzzjoni taz-zokkor jew tal-ġulepp ta' l-inulina u koperti permezz ta' kuntratti ta' forniment konklużi skond l-Artikolu 19 tar-Regolament (KE) Nru 1260/2001

u fir-rigward ta' perijodu rappreżentattiv li jista' jkun differenti għal kull prodott ta' waħda jew aktar mis-snin ta' kummerċjalizzazzjoni 2004/2005, 2005/2006 u 2006/2007 li għandhom jiġu ddeterminati mill-Istati Membri qabel it-30 ta' April 2006.

Madankollu, fejn il-perijodu rappreżentattiv jinkludi s-sena ta' kummerċjalizzazzjoni 2006/2007, din is-sena ta' kummerċjalizzazzjoni għandha tinbidel bis-sena ta' kummerċjalizzazzjoni 2005/2006 għall-bdiewa li ntlaw minn rinunzja tal-kwota fis-sena ta' kummerċjalizzazzjoni 2006/2007 kif previst fl-Artikolu 3 tar-Regolament Nru 320/2006.

Meta tintgħażel is-sena ta' kummerċjalizzazzjoni 2006/2007, ir-referenzi għall-Artikolu 19 tar-Regolament (KE) Nru 1260/2001 li jinsabu fl-ewwel subparagrafu għandhom jinbidlu b'referenza għall-Artikolu 6 tar-Regolament (KE) Nru 318/2006.

2. Il-pagament separat għaz-zokkor għandu jingħata fil-limiti tal-limiti massimi stabbiliti fil-punt K ta' l-Anness VII.
3. B'deroga mill-paragrafu 2, kull Stat Membru ġdid ikkonċernat jista' jiddeċiedi sal-31 ta' Marzu 2006 abbażi ta' kriterji oġġettivi li għall-pagament separat għaz-zokkor japplika limitu massimu aktar baxx minn dak stabbilit fil-punt K ta' l-Anness VII.

4. Il-fondi magħmula disponibbli għall-għoti tal-pagament separat għaz-zokkor skond il-paragrafi 1, 2 u 3 m'għandhomx jiġu inklużi fil-pakkett finanzjarju annwali msemmi fl-Artikolu 143b(3). Fil-każ ta' l-applikazzjoni tal-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu d-divrenzjal bejn il-limitu massimu elenkat fil-punt K ta' l-Anness VII u dak attwalment applikat għandu jiġi inkluż fil-pakkett finanzjarju annwali msemmi fl-Artikolu 143b(3).
 5. L-Artikoli 143a u 143c m'għandhomx japplikaw għall-pagament separat għaz-zokkor.";
- 18) il-punt li ġej għandu jiddaħħal fl-Artikolu 145 wara l-punt (d)a):
- "(d)-b) regoli dettaljati relatati ma' l-inklużjoni ta' l-appoġġ għall-pitravi zokkrija, il-kannamieli u ċ-ċikwejra fl-iskema ta' pagament uniku u relatati mal-pagamenti msemmija fil-Kapitoli 10e u 10f.";

- 19) l-Artikolu 155 għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"Artikolu 155

Regoli transitorji oħrajn

Miżuri ulterjuri meħtieġa għall-iffaċilitar tat-transizzjoni mill-arranġamenti previsti fir-Regolamenti msemmija fl-Artikoli 152 u 153 u fir-Regolament (KEE) Nru 1260/2001 għal dawk stabbiliti b'dan ir-Regolament, b'mod partikolari dawk relatati ma' l-applikazzjoni ta' l-Artikoli 4 u 5 u l-Anness għar-Regolament (KE) Nru 1259/1999 u l-Artikolu 6 tar-Regolament (KE) Nru 1251/1999 u mid-dispożizzjonijiet relatati mal-pjanijiet ta' titjib previsti fir-Regolament (KEE) Nru 1035/72 għal dawk imsemmija fl-Artikoli 83 sa 87 ta' dan ir-Regolament, jistgħu jiġu adottati skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 144(2) ta' dan ir-Regolament. Ir-Regolamenti u l-Artikoli msemmija fl-Artikoli 152 u 153 għandhom ikompli japplikaw għall-fini ta' l-istabbiliment ta' l-ammonti ta' referenza msemmija fl-Anness VII.";

- 20) l-Annessi għandhom jiġu emendati skond l-Anness għal dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Huwa għandha jibda japplika mill-1 ta' Jannar 2006.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 20 ta' Frar 2006.

Għall-Kunsill

Il-President

J. PROLL

ANNEX

L-Annessi għar-Regolament (KE) Nru 1782/2003 huma emendati kif ġej:

1) Fl-Anness I, wara l-linja għall-ħops għandhom jiddaħħlu l-linji li ġejjin:

"Pitravi zokkrija, kannamieli u ċikwejra użati għall-produzzjoni taż-żokkor jew il-ġulepp ta' l-inulina	Titolu IV, Kapitolu 10e ta' dan ir-Regolament (*****) Titolu IVa, Artikolu 143ba ta' dan ir-Regolament	Pagamenti Diżakkoppjati
Pitravi zokkrija u kannamieli użati għall-produzzjoni taż-żokkor	Titolu IV, Kapitolu 10f ta' dan ir-Regolament	Għajjnuna għall-produzzjoni";

2) L-Anness II għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"ANNEX II

Limiti massimi nazzjonali msemmija fl-Artikolu 12(2)

(EUR miljuni)

Stat Membru	2005	2006	2007	2008	2009	2010	2011	2012
Belġju	4,7	6,4	8,0	8,0	8,1	8,1	8,1	8,1
Danimarka	7,7	10,3	12,9	12,9	12,9	12,9	12,9	12,9
Ġermanja	40,4	54,6	68,3	68,3	68,3	68,3	68,3	68,3
Greċja	45,4	61,1	76,4	76,5	76,6	76,6	76,6	76,6
Spanja	56,9	77,3	97,0	97,2	97,3	97,3	97,3	97,3
Franza	51,4	68,7	85,9	86,0	86,0	86,0	86,0	86,0
Irlanda	15,3	20,5	25,6	25,6	25,6	25,6	25,6	25,6
Italja	62,3	84,5	106,4	106,8	106,9	106,9	106,9	106,9
Lussemburgu	0,2	0,3	0,4	0,4	0,4	0,4	0,4	0,4
Olanda	6,8	9,5	12,0	12,0	12,0	12,0	12,0	12,0
Awstrija	12,4	17,1	21,3	21,4	21,4	21,4	21,4	21,4
Portugall	10,8	14,6	18,2	18,2	18,2	18,2	18,2	18,2
Finlandja	8,0	10,9	13,7	13,8	13,8	13,8	13,8	13,8
Svezja	6,6	8,8	11,0	11,0	11,0	11,0	11,0	11,0
Renju Unit	17,7	23,6	29,5	29,5	29,5	29,5	29,5	29,5

”;

3) il-linja li ġejja tiżdied ma' l-Anness VI:

"Pitravi zokkrija, kannamieli u ċikwejra użati għall-produzzjoni taż-żokkor jew il-ġulepp ta' l-inulina	Ir-Regolament (KE) Nru 1260/2001	Appoġġ tas-suq għal min ikabbar il-pitravi zokkrija jew il-kannamieli u għall-produtturi taċ-ċikwejra użati għall-produzzjoni taż-żokkor jew il-ġulepp ta' l-inulina";
---	----------------------------------	--

4) il-punt li ġej jiżdied ma' l-Anness VII:

"K. Pitravi zokkrija, kannamieli u ċikwejra

1. L-Istati Membri għandhom jiddeterminaw l-ammont li għandu jiġi inkluż fl-ammont ta' referenza ta' kull bidwi abbażi ta' kriterji oġġettivi u mhux diskriminatorji bħal:

- il-kwantitajiet ta' pitravi zokkrija, kannamieli jew ċikwejra koperti minn kuntratti ta' forniment konklużi skond l-Artikolu 19 tar-Regolament (KE) Nru 1260/2001
- il-kwantitajiet ta' zokkor jew ta' ġulepp ta' l-inulina prodotti skond ir-Regolament (KE) Nru 1260/2001
- in-numru medju ta' ettari ta' pitravi zokkrija, kannamieli jew ċikwejra użati għall-produzzjoni taz-zokkor jew tal-ġulepp ta' l-inulina u koperti permezz ta' kuntratti ta' forniment konklużi skond l-Artikolu 19 tar-Regolament (KE) Nru 1260/2001

fir-rigward ta' perijodu rappreżentattiv li jista' jkun differenti għal kull prodott ta' waħda jew aktar mis-snin ta' kummerċjalizzazzjoni mis-sena ta' kummerċjalizzazzjoni 2000/2001 u, fil-każ ta' l-Istati Membri l-ġodda mis-sena ta' kummerċjalizzazzjoni 2004/2005, sas-sena ta' kummerċjalizzazzjoni 2006/2007, u li għandhom jiġu ddeterminati mill-Istati Membri qabel it-30 ta' April 2006.

Madankollu, fejn il-perijodu rappreżentattiv jinkludi s-sena ta' kummerċjalizzazzjoni 2006/2007, din is-sena ta' kummerċjalizzazzjoni għandha tinbidel bis-sena ta' kummerċjalizzazzjoni 2005/2006 għall-bdiewa li ntlaw minn rinunzja tal-kwota fis-sena ta' kummerċjalizzazzjoni 2006/2007 kif previst fl-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 320/2006.

Rigward is-snin ta' kummerċjalizzazzjoni 2000/2001 u 2006/2007 r-referenzi għall-Artikolu 19 tar-Regolament (KE) Nru 1260/2001 għandhom jinbidlu b'referenzi għall-Artikolu 37 tar-Regolament (KE) Nru 2038/1999⁵ u l-Artikolu 6 tar-Regolament (KE) Nru 318/2006.

2. Fejn is-somma ta' l-ammonti ddeterminati skond il-punt 1 fi Stat Membru taqbeż il-limitu massimu espress f'eluf ta' euro kif imniżżel fit-Tabella 1 hawn taħt, l-ammont għal kull bidwi għandu jitnaqqas proporzjonalment.

⁵ ĠU L 252, 25.9.1999, p. 1. Ir-Regolament kif revokat bir-Regolament (KE) Nru 1260/2001.

Tabella 1. Limiti massimi għall-ammonti li għandhom jiġu inklużi fl-ammont ta' referenza tal-bdiewa.

(EUR '000)

Stat Membru	2006	2007	2008	2009 u s-snin sussegwenti
Belġju	48 594	62 454	76 315	83 729
Republika Ċeka	27 851	34 319	40 786	44 245
Danimarka	19 314	25 296	31 278	34 478
Ġermanja	154 799	203 380	251 960	277 946
Greċja	17 941	22 455	26 969	29 384
Spanja	60 272	74 447	88 621	96 203
Franza	151 163	198 075	244 987	270 081
Ungerija	25 435	31 146	36 857	39 912
Irlanda	11 259	14 092	16 925	18 441
Italja	79 862	102 006	124 149	135 994
Latvja	4 219	5 164	6 110	6 616
Litwanja	6 547	8 012	9 476	10 260
Olanda	42 032	54 648	67 265	74 013
Awstrija	18 931	24 438	29 945	32 891
Polonja	99 135	122 906	146 677	159 392
Portugall	3 940	4 931	5 922	6 452
Slovakkja	11 813	14 762	17 712	19 289
Slovenja	2 993	3 746	4 500	4 902
Finlandja	8 255	10 332	12 409	13 520
Svezja	20 809	26 045	31 281	34 082
Renju Unit	64 340	80 528	96 717	105 376

3. B'deroga mill-punt 2, fejn fil-każijiet tal-Finlandja, l-Irlanda, il-Portugall, Spanja u r-Renju Unit, is-somma ta' l-ammonti ddeterminati skond il-punt 1 taqbeż is-somma tal-limiti massimi stabbiliti għall-Istat Membru kkonċernat fit-Tabella 1, u t-Tabella 2 hawn taħt, l-ammont għal kull bidwi għandu jitnaqqas proporzjonalment.

Tabella 2. Ammonti annwali addizzjonali li għandhom jiġu inklużi fis-somma ta' l-ammonti ta' referenza tal-bdiewa matul l-erba' snin tal-perijodu 2006 sa 2009

(EUR '000)

Stat Membru	Ammonti annwali addizzjonali
Spanja	10 123
Irlanda	1 747
Portugall	611
Finlandja	1 281
Renju Unit	9 985

Madankollu, l-Istati Membri msemmija fl-ewwel subparagrafu jistgħu jżommu sa 90% ta' l-ammont inniżżel fit-Tabella 2 ta' l-ewwel subparagrafu u jużaw l-ammonti li jirriżultaw minn hemm skond l-Artikolu 69. F'dak il-każ, id-deroga msemmija fl-ewwel subparagrafu m'għandhiex tapplika.

4. Kull Stat Membru għandu jikkalkola n-numru ta' ettari msemmija fl-Artikolu 43(2)(a) proporzjonatament ma' l-ammont iddeterminat skond il-punt 1 u skond kriterji oġġettivi u mhux diskriminatorji magħżula għal dak l-għan jew abbażi tan-numru ta' ettari ta' pitravi zokkrija, kannamieli u ċikwejra ddikjarati mill-bdiewa matul il-perijodu rappreżentattiv stabbilit skond il-punt 1.";

5) L-Anness VIII jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"ANNEX VIII

Limiti massimi nazzjonali msemmija fl-Artikolu 41

(EUR '000)

Stat Membru	2005	2006	2007	2008	2009	2010 u s-snin sussegwenti
Belġju	411 053	579 167	592 507	606 368	613 782	613 782
Danimarka	943 369	1 015 479	1 021 296	1 027 278	1 030 478	1 030 478
Ġermanja	5 148 003	5 647 000	5 695 380	5 743 960	5 769 946	5 773 946
Greċja	838 289	1 719 230	1 745 744	1 750 258	1 752 673	1 790 673
Spanja	3 266 092	4 135 458	4 347 633	4 361 807	4 369 389	4 371 266
Franza	7 199 000	7 382 163	8 289 075	8 335 987	8 361 081	8 369 081
Irlanda	1 260 142	1 335 311	1 337 919	1 340 752	1 342 268	1 340 521
Italja	2 539 000	3 544 379	3 566 006	3 588 149	3 599 994	3 632 994
Lussemburgu	33 414	36 602	37 051	37 051	37 051	37 051
Olanda	386 586	428 618	834 234	846 851	853 599	853 599
Awstrija	613 000	632 931	736 438	741 945	744 891	744 891
Portugall	452 000	497 551	564 542	565 533	566 063	567 452
Finlandja	467 000	476 536	563 613	565 690	566 801	565 520
Svezja	637 388	670 917	755 045	760 281	763 082	763 082
Renju Unit	3 697 528	3 944 745	3 960 986	3 977 175	3 985 834	3 975 849

".
,

6) L-Anness VIIa jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"Anness VIIa

Limiti nazzjonali msemija fl-Artikolu 71ċ

(EUR 1 000)

Sena kalendarja	Republika Ċeka	Estonja	Ċipru	Latvja	Litwanja	Ungerija	Malta	Polonja	Slovenja	Slovakkja
2005	228 800	23 400	8 900	33 900	92 000	350 800	670	724 600	35 800	97 700
2006	294 551	27 300	12 500	43 819	113 847	445 635	830	980 835	44 893	127 213
2007	377 919	40 400	16 300	60 764	154 912	539 446	1 640	1 263 706	59 846	161 362
2008	469 986	50 500	20 400	75 610	193 076	671 757	2 050	1 572 577	74 600	200 912
2009	559 145	60 500	24 500	90 016	230 560	801 512	2 460	1 870 392	89 002	238 989
2010	644 745	70 600	28 600	103 916	267 260	928 112	2 870	2 155 492	103 002	275 489
2011	730 445	80 700	32 700	117 816	303 960	1 054 812	3 280	2 440 492	117 002	312 089
2012	816 045	90 800	36 800	131 716	340 660	1 181 412	3 690	2 725 592	131 002	348 589
snin sussegwenti	901 745	100 900	40 900	145 616	377 360	1 308 112	4 100	3 010 692	145 102	385 189

"